# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru 268/21 FDP**

Fl-ismijiet

**Electrical Supplies & Services Limited**
**( C 27813 )**

**Vs**

**Electrolight Limtied**
**( C 85181 )**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 26 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu s-socjeta' rikorrenti, bil-ġurament ta' Dominic Mifsud, talbet is-segwenti:

    *Illi l-kumpannija intimata xtrat u akkwistat mingħand il-kumpannija rikorrenti diversi merkanzija;*

    *Illi l-kumpannija intimata llum tinsab debitriċi lejn il-kumpannija rikorrenti fis-somma €21,932.48 (wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u tnejn u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu) rappreżentanti bilanċ ta' prezz tal-merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-kumpannija intimata u dana kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. ESS 1;*

    *Illi, l-kumpannija intimata nonstante li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas dan id-debitu baqgħet inadempjenti;*

*Illi dana d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti l-kumpannija intimata ma għandha ebda eċċezzjoni xi tressaq għall-ħlas ta' dan id-debitu;*

*Għaldaqstant tgħid il-kumpannija intimata għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

1. *tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *tikkundanna lill-kumpannija intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' €21,932.48 (wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u tnejn u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu) rappreżentanti bilanċ ta' prezz tal-merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-kumpannija intimata, bl-imgħaxijiet ulterjuri skond l-għola rata permessibbli mill-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inklużi tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju preżentati kontestwalment kontra l-kumpannija intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni*

2. Illi l-kawza ġiet appuntata għas-smiegħ fis-16 ta' April 2021 għall-24 ta' Mejju 2021.

3. Rat illi s-soċjeta' intimata Electrolight Limited ġiet notifikata fis-26 ta' April 2021.

4. Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2021, deher George Vassallo, rappreżentant tas-soċjeta' intimata Electrolight Limited, illi, għan-nom tas-soċjeta' intimata, ammetta t-talbiet kif dedotti u ppreżenta nota f'dak is-sens fir-Reġistru tal-Qorti.

5. Rat illi, in vista ta' tali ammissjoni, il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza għallum.

## KONKLUŻJONI

### Il-Qorti

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi rat l-ammissjoni tas-soċjeta intimata;

**Tilqa'** t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti u għalhekk;

**Tikkundanna** lill-soċjeta’ intimata Electrolight Limited tħallas lis-socjeta' rikorrenti Electrical Supplies and Services Limited is-somma ta' €21,932.48 (wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u tnejn u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu) rappreżentanti bilanċ ta’ prezz tal-merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-kumpannija intimata u mhux imħallsa.

Bl-ispejjeż kif mitluba u bl-imgħaxijiet ulterjuri skond l-għola rata permessibbli mill-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta’ intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**